MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 405/2003

**A.I.M.S Limited**

**Vs**

**Theresa Stivala nee Micallef**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm223.00c (mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti import ta’ cheque li jgib in-numru 2 kkonsenjat mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici u li ma giex onorat mill-bank.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 27 ta’ Marzu, 2002 u bl-imghax legali mill-5 ta’ Frar, 2002 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------